



Brussell, 6 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

13632/23

**LIMITE**

JAI 1237  
COPEN 337  
RELEX 1115  
IPCR 59  
COJUR 49

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6458/23, 9315/23
Suġġett:	Risposti ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-impunità fir-rigward ta' delitti mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna – Is-sitwazzjoni attwali

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq.

**Risposti ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-impunità fir-rigward ta' delitti mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna – Is-sitwazzjoni attwali**

Il-Presidenza Spanjola hija mħassba ħafna dwar l-impatt profond tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'konformità mal-prassi stabbilita mill-presidenzi preċedenti, il-Presidenza Spanjola tixtieq tipprovdi informazzjoni dwar l-aħħar inizjattivi meħuda fil-livell Ewropew dwar il-ġlieda kontra l-impunità, b'enfasi fuq l-attivitajiet li seħħew minn wara li ltaqa' l-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni, fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2023.

Fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-UE tibqa' impenjata bis-siġħ li tiżgura li r-Russja tinżamm kompletament responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew laqa' b'sodisfazzjon il-progress fl-istabbiliment ta' Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA). Il-Kunsill Ewropew qies l-isforzi biex jiġi stabbilit tribunal għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, inkluż il-ħidma li saret fil-Grupp Prinċipali, u appella biex titkompla dik il-ħidma. Il-Kunsill Ewropew laqa' b'sodisfazzjon ukoll l-istabbiliment tar-Reġistru tad-danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, tal-Kunsill tal-Ewropa, u appella biex titkompla l-ħidma.

L-ICPA, ospitat mill-Eurojust, beda uffiċjalment l-operazzjonijiet tiegħu f'The Hague fit-3 ta' Lulju 2023. Huwa ġie inawgurat mill-President tal-Eurojust, mill-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, mill-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna, mill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), mill-Assistent Avukat Ġenerali tal-Istati Uniti u mill-Ministru għall-Ġustizzja tan-Netherlands. It-tnedija proprja tal-ICPA saret f'Settembru.

Permezz tal-ICPA, l-Eurojust tappoġġa l-investigazzjonijiet li għaddejjin tad-delitt ta' aggressjoni. Diversi prosekuturi full-time Ukreni u prosekuturi part-time mill-Istati Membri li huma involuti fl-Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK) f'allegati delitti internazzjonali ewlenin imwettqa fl-Ukrajna ser jipparteċipaw fl-ICPA. L-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI, li huwa parteċipant fis-SIK,<sup>1</sup> ser ikun involut mill-qrib ukoll fl-ICPA, sabiex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet ikunu allinjati kemm jista' jkun. L-awtoritajiet tal-Istati Uniti jikkollaboraw mal-membri tas-SIK abbażi ta' Memorandum ta' Qbil, billi jipprovdu informazzjoni u evidenza permezz ta' Prosekutur Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni li huwa stazzjonat temporanjament fl-Eurojust. Xi pajjiżi, kemm Stati Membri li mhumiex fis-SIK kif ukoll pajjiżi terzi, offrew li jipprovdu għarfien espert tekniku (eż. analiżi militari) jew finanzjament. L-Eurojust u l-membri tas-SIK bħalissa qed jiddefinixxu l-ħtiġijiet preċiżi u janalizzaw il-qafas għal tali appoġġ.

Fil-11 ta' Settembru 2023, fil-konferenza "Fit-Triq lejn il-Ġustizzja għall-Ukrajna: Navvanzaw ir-Responsabbiltà, ir-Riunifikazzjoni tat-Tfal mal-Familji tagħhom, u l-Appoġġ għar-Reżiljenza tas-Sistema tal-Ġustizzja tagħha", il-Ministri għall-Ġustizzja tal-Istati Membri u l-Istati Osservaturi tal-Kunsill tal-Ewropa nġabru f'Riga (il-Latvja) biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huma affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom li javvanzaw il-ġustizzja u r-rispett għad-dritt internazzjonali, u laqgħu l-istabbiliment tar-Reġistru tad-danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna stabbilit fil-qafas ta' Ftehim Parzjali Estiż tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, il-President tal-Eurojust u d-Direttur tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali wkoll attendew il-konferenza.

Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Konferenza tal-Parteċipanti tar-Reġistru tad-Danni kellha t-tieni laqgħa tagħha f'Riga, li kienet iddedikata għal kwistjonijiet finanzjarji u l-proċedura għall-ħatra tal-Bord. L-Unjoni Ewropea għamlet kontribuzzjoni volontarja sostanzjali għall-ispejjeż involuti fit-tnedija tar-Reġistru, li l-baġit għalih huwa ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet annwali minn stati parteċipanti u kontribuzzjonijiet volontarji.

---

<sup>1</sup> Fil-5 ta' Ottubru 2023, l-Europol saret ukoll parteċipant fis-SIK.

Il-Presidenza tixtieq tissottolinja l-ħidma tal-Eurojust fir-rigward tal-Bażi ta' Data ta' Evidenza dwar Delitti Internazzjonali Ewlenin (CICED) fl-Eurojust.

Fit-23 ta' Frar 2023, l-Eurojust bdiet topera s-CICED li kienet għadha kif ġiet stabbilita. Din il-bażi ta' data għudizzjarja mfassla apposta ġiet stabbilita biex tippreserva, tanalizza u taħżen evidenza tad-delitti internazzjonali l-aktar serji (ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra u reati relatati). Dan jippermetti lill-Eurojust tappoġġa lill-awtoritajiet għudizzjarji nazzjonali fl-identifikazzjoni ta' evidenza li tinsab f'pajjiż ieħor li tista' tkun rilevanti għall-investigazzjoni tagħhom stess.

Is-CICED tinsab f'mument kruċjali, hekk kif għaddejja t-tielet fażi tal-iżvilupp tagħha. Peress li l-funzjonalitajiet għall-ħżin u t-trażmissjoni siguri tal-informazzjoni diġà ġew iffinalizzati, l-Eurojust qed taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-funzjonalità analitika li ġiet approvata mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fis-sajf tal-2023. Din il-funzjonalità analitika ser tippermetti lill-Eurojust tanalizza aktar l-informazzjoni li tirċievi, tistabilixxi rabtiet bejniethom u tipprovdi feedback lill-Istati Membri. L-Eurojust tistenna li tiffinalizza l-implimentazzjoni teknika tal-komponent analitiku sa Novembru 2023. Huwa ta' importanza kbira li l-Istati Membri kollha, kemm jekk huma membri tas-SIK kif ukoll jekk le, jikkontribwixxu evidenza lill-bażi ta' data.

Sar ukoll progress fir-rigward tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-ksur ta' miżuri restrittivi tal-UE u dwar il-konfiska.

L-ewwel u t-tieni trilogu dwar il-proposta għal direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi saru fit-13 ta' Ġunju u fit-3 ta' Ottubru 2023.

Fir-rigward tal-proposta għal direttiva dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pjeni għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, l-ewwel trilogi saru fit-12 ta' Lulju u fis-26 ta' Settembru 2023.